# Il-Gudja fis-'Sette Giugno'



*mill-Maġ. G.P. Borg* LL.D.

Il-ftuħ taż-żewġ każini fil-Gudja, f'Mejju, 1919, inzerta ġie ftit ġranet biss qabel ir-ribelljoni tal-poplu Malti fil-jum tas-7 ta' Ġunju, 1919, issa magħruf bħala l-jum storiku tas-*Sette Giungno*. Kien żmien meta f'Malta kien hawn il-faqar u nuqqas ta' bosta oġġetti. Il-ġlied fl-Ewwel Gwerra Kbira kien waqaf u mid-Dockyard u minn mal-Militar ngħataw numru kbir ta' sensji.

Il-prezzijiet għolew u fil-pajjiż kien hawn rabja u swied il-qalb. Il-Maltin kienu qed iħossuhom umiljati, użati u abbandunati mill-Gvern Ingliż u għalhekk riedu kostituzzjoni ġdida biex isiru huma il-gvern responsabbli għat-tmexxija tal-gżira. Il-ftuħ ta' każini tal-festa fi żmien bħal dak juri li l-ħajja dejjem tkompli anki f'ċirkostanzi diffiċli. Ir-rabja u l-iskuntentizza tal-poplu Malti kienet fuq kulħadd u kullimkien.

L-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju, 1919, però, ma ġrawx ma' Malta kollha, imma seħħew biss bil-Belt Valletta. Kien inqala' xi ħaġa wkoll lejn il-Ħamrun u fil-fabbriki tad-dqiq fil-Marsa. Fil-Gudja ma kien ġara xejn. In-nies tal-Gudja anqas biss kienu jafu x'kien qed jiġri.

Filgħodu, wieħed minn Ħal Tarxien kien ġie fil-Gudja u qal li mir-raħal tiegħu kienu għaddew xi karrozzini bl-istudenti ta' l-Università jgħajtu u jxejru l-bandiera ta' Malta. Kienu qed jipprotestaw kontra l-eżamijiet li kienu se jagħmlu u kontra l-Gvern Ingliż. Minn Ħal Tarxien il-karrozzini baqgħu telgħin lejn Bir id-Deheb u, jekk wara dik id-daqsxejn ta' dimostrazzjoni paċifika ta' l-istudenti segwiet spontanjament dimonstrazzjoni vjolenti fil-Belt Valletta, din l-ewwel aħbar ta' filgħodu bl-ebda mod ma ddisturbat il-ħajja kwieta fil-Gudja.

F'nofsinhar daqq, il-*barman* mar fetaħ il-Każin La Stella mingħalih li s-Sibt 7 ta' Ġunju 1919, kienet se tkun ġurnata oħra monotona bħal dawk il-ftit ta' qabilha kemm kien ilu miftuħ il-każin. Dan il-*barman* – imsejjaħ Josu – anqas biss kien għadu sema' bl-istudenti u l-protesti tagħhom. Kull min daħal fil-każin, f'dak il-ħin, kien aktarx ikompli ftit miegħu u jerġa' joħroġ biex imur jingħaqad ma' sħabu fil-ħanut taz-*Zwakk*.

Hemm kienu draw u baqgħu jiltaqgħu n-nies tal-każin anke jekk issa kellhom il-każin tagħhom. Fil-ħanut taz-*Zwakk* sar id-diskors tas-soltu, xi ħadd semma l-istudenti u l-eżamijiet u xi ħaddieħor tkellem fuq l-Assemblea Nazzjonali li fi ftit ħin ieħor, dakinhar stess, kienet se tiltaqa' għat-tieni darba fil-Belt Valletta bil-ħsieb li jfasslu l-kostituzzjoni ġdida għall-awtonomija ta' Malta.

Fil-ħanut taz-*Zwakk* u fil-Gudja kollox baqa' kwiet u normali sakemm, għall-ħin ta' xi s-sitta ta' filgħaxija, wasal wieħed ġej bil-mixi minn Bormla u, eċitat, qal li fil-Belt l-Ingliżi sparaw fuq il-Maltin u qatlu n-nies. Qal li sema' li fit-toroq tal-Belt qed issir rivoluzzjoni u anke tqaċċtet il-bandiera Ingliża. In-nies ta' ġol-ħanut ħarġu jisimgħu u quddiem il-ħanut, f'tarf il-misraħ, inġabret daqsxejn ta' folla tistenna li jasal xi ħaddieħor b'aktar informazzjoni. Hekk kienu jaslu l-aħbarijiet f'dak iż-żmien.

Ħadd mill-Gudja ma kien mar il-Belt dakinhar u għalhekk ebda Gudjan ma kien imdaħħal fl-inkwiet. Għalhekk ukoll ħadd ma ġie mill-Belt li seta' jirrakkonta l-inċidenti kif ġraw. Il-ftit informazzjoni li waslet kienet tkun ġejja minn għand xi ħadd li kien f'Bormla u rrepeta

dak li kien sema'. Bormla, dak iż-żmien, kienet qisha l-belt reġjonali għal din in-naħa ta' Malta.

Il-ħin għadda u l-wieħed jew tnejn li waslu kellhom biss l-istess informazzjoni li kienu ġa jafu. B'hekk il-ġurnata storika tas-Sibt *Sette Giugno* intemmet għall-Gudja bin-nies għadhom ma jafux sew x'kien ġara jew x'kien qed jiġri. L-istess jingħad dwar l-inkwiet li kompla l-għada l-Ħadd 8 ta' Ġunju. Nhar ta' Ħadd ma kinux jiġu ppubblikati gazzetti u terġa' dakinhar ħadd ma ħareġ mir-raħal biex mar lejn Bormla jew lejn il-Belt. In-nies saru jafu l-informazzjonijiet sew fil-ġurnata tat-Tlieta 10 ta' Ġunju. L-ebda bandiera mezz'asta ma telgħet fil-Gudja.

Kif kienet il-Gudja hekk ukoll, tista' tgħid, kienu l-irħula l-oħra ta' Malta; għall-ġranet sħaħ maħkuma minn tensjoni u kurżità biex ikunu jafu x'ġara.

Ftit diskors sar fuq il-każini dakinhar!

## Għal min irid ikun jaf:

Ħamest irġiel mill-Gudja ntlaqtu mis-sensji li ngħataw wara l-armistizju fl-Ewwel Gwerra Kbira (fil-11:00 tal-11/11/1918). Tnejn tkeċċew mid-Dockyard u tlieta tkeċċew minn mal-Militar. Erbgħa minnhom sabu xogħol ieħor malajr, jew fir-raba' jew fil-barrieri. Għall-familja ta' l-ieħor li kien baqa' bla xogħol, il-ħajja kienet saret verament diffiċli.


FT'S

# FOUR T'S

*Snack Bar & Pastizzeria*

**Take-Away**
**Pizza, Ħobż, Hamburgers u kull xorta ta' ikel ieħor**

**Nru 1, Wesgħa ta' Bir id-Deheb,**
**Għaxaq.**
**Tel: 822664**